

**Brussell, 12 ta' Ġunju 2025
(OR. en)**

9254/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0034 (NLE)**

**RECH 237
COMPET 404**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027 - Adozzjoni

1. Fit-28 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027¹.
2. Din it-tieni Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) hija dokument ċentrali għall-iżvilupp taż-ŻER, li tistabbilixxi pjan direzzjonali għal 11-il politika strutturali taż-ŻER u 8 azzjonijiet taż-ŻER, volontarji għall-Istati Membri, filwaqt li jiġu kkoordinati l-isforzi biex jinkiseb progress fir-riċerka u l-innovazzjoni.
3. Il-proposta għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fil-laqgħat tiegħu tal-14 u s-27 ta' Marzu, l-14 ta' April u l-5 ta' Mejju 2025. Abbażi tal-kontribut tad-delegazzjonijiet, tħejjew tliet testi riveduti tal-Presidenza.
4. Intlaħaq qbil dwar l-abbozz finali mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka wara proċedura ta' silenzju informali, li ġiet konkluża fis-6 ta' Mejju 2025.

¹ 6693/25 u 6693/25 ADD1.

5. Fl-14 ta' Mejju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-qbil milħuq fil-livell tekniku.
6. Fit-23 ta' Mejju 2025, il-Kunsill (Kompetittività/Riċerka) laħaq qbil politiku dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill², li kien segwit minn feedback lingwistiku mid-delegazzjonijiet u aġġustament tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-abbozz.
7. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden:
 - (a) jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027, wara l-aġġustament lingwistiku, kif jinsab fid-dokument 9236/25, u
 - (b) jirrakkomanda lill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) biex jadotta l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027 fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2025 bħala punt "A", u biex jiddeċiedi l-pubblikazzjoni sussegwenti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

² 8469/25 + 8469/25 ADD1.